Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0303

L-eskalazzjoni tar-repressjoni tal-Baha’i fl-Iran

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Novembru 2025 dwar l-eskalazzjoni tar-repressjoni tal-Baha’i fl-Iran (2025/2987(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Iran,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 150(5) u l-Artikolu 136(4) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

A. billi l-komunità Baha’i, magħmula minn 300 000 membru u nieqsa mir-rikonoxximent kostituzzjonali, qed tiffaċċja persekuzzjoni sistematika minħabba l-memorandum Iranjan tal-1991, inklużi arresti u priġunerija arbitrarji, għajbien furzat, ċaħda ta’ dfin dinjituż, konfiska tal-proprjetà, ċaħda tal-edukazzjoni u tal-impjieg u inċitament għall-mibegħda mill-media kkontrollata mill-Istat;

B. billi l-awtoritajiet Iranjani intensifikaw kontinwament ir-repressjoni kontra l-komunità Baha’i permezz ta’ detenzjonijiet tal-massa, proċessi mħaffa u akkużi foloz ta’ spjunaġġ u ta’ kollaborazzjoni ma’ entitajiet barranin;

C. billi fl-2024, madwar 1 200 Baha’i għaddew minn proċedimenti legali jew priġunerija, bin-nisa li jirrappreżentaw żewġ terzi tad-detenuti, u b’16-il mara f’Hamadan u Isfahan ikkundannati b’mod ikkombinat għal 129 sena u soġġetti għal tortura u ksur serju ta’ proċess ġust;

D. billi l-awtoritajiet ipprofanaw iċ-ċimiterji tal-Baha’i, inkluż f’Tehran, Ahvaz, Rafsanjan, Kerman u Hamadan;

1. Jikkundanna bil-qawwa l-persekuzzjoni dejjem akbar tal-komunità Baha’i u s-soppressjoni sistemika tal-minoranzi reliġjużi u etniċi kollha u tan-nisa; jistieden lill-Iran iwaqqaf minnufih kull diskriminazzjoni, fastidju, detenzjoni, konfiska tal-proprjetà u ksur tad-drittijiet fundamentali;

2. Iħeġġeġ lill-Iran jeħles minnufih lill-individwi kollha detenuti

minħabba r-reliġjon jew it-twemmin tagħhom, u talli ddefendew id-drittijiet tal-bniedem, u dawk detenuti minħabba atti ta' blasfemija jew ta' sigurtà nazzjonali relatati mat-twemmin, u jwaqqaf il-fastidju u l-vjolenza kontra l-komunitajiet reliġjużi;

3. Jesprimi tħassib serju dwar il-fatt li n-nisa Baha'i jinsabu fil-mira, billi qed jiffaċċjaw persekuzzjoni reliġjuża u bbażata fuq il-ġeneru, u dan jirrappreżenta żewġ terzi tal-Baha'i li jinsabu l-ħabs;

4. Jeżiġi li l-awtoritajiet Iranjani jannullaw il-kundanni ta' Fariba Kamalabadi, Roya Sabet, Anisa Fanaian, Leila Adalati, Nahid Behrouzi, Mahvash Sabet u tas-sitt nisa Baha'i f'Hamadan, Zarrindokht Ahadzadeh, Farideh Ayyoubi, Noura Ayyoubi, Neda Mohebbi, Jaleh Rezaie, u Atefeh Zahedi; jappella għall-ħelsien ta' Afshin Heyratian u Farhad Fahandej;

5. Jikkundanna bil-qawwa ż-żieda fl-eżekuzzjonijiet fl-Iran; itenni l-oppożizzjoni qawwija tiegħu għall-piena tal-mewt u jħeġġeġ lill-Iran iwaqqaf l-użu tagħha bħala għodda ta' repressjoni politika u reliġjuża;

6. Jikkundanna bil-qawwa l-profanazzjoni, il-qerda u l-konfiska taċ-ċimiterji Baha'i u t-tfixkil tar-riti funebri;

7. Iħeġġeġ lill-Iran jirrevoka l-Memorandum tal-1991 u jippermetti lill-Baha'i jaċċessaw l-edukazzjoni, l-impjiegi u s-servizzi bażiċi u jwaqqaf il-konfiski tal-proprjetà, jirritorna l-assi kollha maqbuda u jipprovdi rimedji legali u kumpens għall-vittmi;

8. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jiddiskutu s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem li qed tiddeterjora fl-Iran, b'mod partikolari l-ksur tal-libertà reliġjuża, fid-djalogi kollha mal-Iran, u jimponu sanzjonijiet fuq l-imħallfin, il-prosekuturi u l-uffiċjali tal-intelligence Iranjani li jippersegwitaw lill-Baha'i;

9. Itenni l-appell tiegħu lill-Kunsill biex jiddeżinja l-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika bħala organizzazzjoni terroristika, u jestendi s-sanzjonijiet tal-UE biex jinkludu lill-membri kollha tiegħu u lil dawk responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-VP/RGħ, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Assemblea Konsultattiva Iżlamika, lill-Uffiċċju tal-President u lill-Uffiċċju tal-Mexxej Suprem tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran.